# Ir-Rabta bejn il-Fratellanza tal-Karmnu tal-Belt Valletta u t-twaqqif tal-Knisja fil-Balluta

**Rev. Dr Nicholas J. Doublet**

*Arkivista Djoċesan*

Intima hija r-rabta bejn il-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta u t-twaqqif tal-Knisja ddedikata lilha n-naħa l-oħra tax-xatt, fil-post magħruf bħala l-Balluta. Fis-seklu dsatax, din iż-żona tal-kosta ta' Malta, bdiet tiżviluppa bħala post ta' villeġġatura, f'mument meta l-ibliet ta' madwar il-port kienu bdew jilħqu l-massimu tal-popolazzjoni tagħhom. Fi żminijiet preċedenti, in-nies mill-ibliet, naturalment dawk ta' klassi għolja, u l-familji tan-negozjanti li stagħnew, kienu jfittxu l-mistrieħ tagħhom fix-xhur sħan tas-sajf fit-trankwillità tal-kampanja Maltija. Issa, kemm l-Ingliżi, u kemm il-Maltin bdew idawru l-ħarsa tagħhom lejn il-kosta, kemm bħala post ta' villeġġatura, u anke eventwalment bħala post għar-residenza tagħhom.

Intant, il-Fratellanza kellha f'idejha l-art magħrufa bħala ta' Ljun, u qamet ix-xewqa li l-parti ta' mal-baħar tiġi żviluppata billi tinbena knisja ċkejkna ddedikata lill-patruna tagħhom, kif ukoll 12-il mezzanin, sitta fuq kull naħa tagħha, li setgħu jiġu mikrija, biex b'hekk jassiguraw ċertu introjtu. L-art, seba' ħbula raba', kienet tħalliet b'titlu ta' legat lill-Fratellanza mis-Sinjura Madalena Cardona Schembri Rember e Re, b'testment fl-atti tan-nutar Domenico Bonavia nhar l-20 ta' Novembru 1751[1].



**Is-supplika mressqa lill-Arċisqof Publio Dei Conti Sant f'Settembru 1857**

Sabiex iseħħ dan l-iżvilupp ta' propjetà ekkleżjastika, kien hemm bżonn il-permess tal-isqof, li taħtu taqa' direttament kull fratellanza, bħala assoċjazzjoni tal-fidili. F'dan il-każ is-

supplika mressqa lill-Arċisqof Publio dei Conti Sant nhar is-17 ta' Settembru 1857[2] turi li kien hemm bżonn li l-fratelli jisselfu kapital ta' 1,200 lira sterlina mill-Kurja biex ikunu jistgħu jibnu. Is-supplika, imressqa mit-Tabib Calcedonio Parnis, rettur tal-Fratellanza, ġiet milqugħa nhar l-24 ta' Settembru 1857. Qegħdu bħala garanzija għas-self il-frott li jidħol minn dan l-investiment li kienu qed jagħmlu, kif ukoll id-dħul minn beni oħra li kellhom. Interessanti li l-lista tal-beni kollha li kellha l-fratellanza, u d-dħul minnhom, ġiet annessa mas-supplika[3]. Ix-xogħol tal-bini tħalla f'idejn il-Perit Ġużeppi Bonavia.

Lil hinn minn kunsiderazzjonijiet oħra, din is-supplika tikxef żewġ affarijiet. L-ewwel nett turi ż-żelu pastorali li janima dawn il-fratelli, li jirrispondu għall-iżvilupp, billi jaraw kif jipprovdu għall-bżonnijiet spiritwali tal-komunità li bdiet tgħix fl-inħawi. Din kienet naturalment tinkludi numru sostanzjali ta' Beltin. L-għan tal-fratellanza hu li jxerred id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu, u għalhekk il-bini ta' knisja taħt dan it-titlu, kien żvilupp naturali biex jintlaħaq dan l-għan.

Fuq lenti oħra, wieħed jifhem ukoll il-ħeġġa li huma jiżviluppaw il-propjetà fdata f'idejhom, u jagħmlu dan b'mod għaqli, billi jaraw kif jassiguraw introjtu għall-Fratellanza.

Supplika oħra, mressqa nhar l-1 ta' Marzu 1858[4], tikxef ukoll x'forma riedu jagħtu lil din il-fondazzjoni ġdida tagħhom. Huma jitolbu lill-isqof mhux biss biex jagħtihom permess iwaqqfu din il-knisja, imma biex huwa wkoll jaqtagħha minn taħt il-ġurisdizzjoni tal-Prepostu ta' Birkirkara, li taħtu kienet għadha taqa' din iż-żona. Kif jesprimu huma stess, xtaqu jwaqqfuha bħala ġuspatronat tagħhom. Dawn kienu forom ta' fundazzjonijiet ta' tradizzjoni medjevali li kienu jagħtu d-dritt lil min iwaqqafhom, li jibqa' jinnomina hu min imexxi spiritwalment din il-fundazzjoni. Naturalment, din it-talba ntlaqgħet b'ċertu reżistenza mill-Prepostu Kalċidon Agius li taħtu kienet taqa' l-kura tal-erwieħ fiż-żona. Madanakollu, anke din it-talba ġiet milqugħa mill-Arċisqof, issa Mons. Gaetano Pace Forno, u dan b'digriet tat-13 ta' Ottubru 1858.

Element ieħor li jorbot il-Fratellanza mal-Balluta, u li jsegwi mill-istess fundazzjoni, hija l-għotja tal-istatwa proċessjonali tal-Madonna tal-Karmnu. Din l-istatwa, it-tieni waħda f'idejn il-Fratellanza, ittieħdet il-Balluta propju għall-inawgurazzjoni ta' din l-ewwel Knisja fil-lokal. Il-Knisja ħadet biss għaxar xhur biex tinbena u ġiet imbierka mill-Isqof Pace Forno nhar it-18 ta' Settembru 1859.

Ma damx ma nħass il-bżonn li l-Knisja titkabbar. Għal dan il-għan, fl-1877 tqabbad il-perit Emmanuele Galizia. Din id-darba l-Knisja nbniet fuq stil neo-Gotiku, bi tliet Artali (tal-Karmnu, ta' San Ġużepp u ta' Sant'Andrija) u ġiet imbierka fl-24 ta' Lulju 1877, mill-Vigarju Ġenerali Mons. Goffredo Xerri.

Jispikka f'dan kollu, kif diġà semmejna, iż-żelu pastorali tal-Konfraternità, li fittxet li tirrispondi għas-sinjali taż-żminijiet, billi rat li tipprovdi għall-bżonnijiet spiritwali tan-nies fl-inħawi u tkabbar b'dan il-mod id-devozzjoni lejn l-Omm u l-Patruna tagħha.

**Referenzi**


1 Serafin Abela, Il-Karmelitani fil-Balluta - 1890-2206, Malta 2006, 29-33.
2 AAM, Supplichi, 1857, v. 52, f. 317r.-v.
3 AAM, Supplichi, 1857, v. 52, f. 319r.-320r.
4 AAM, Supplichi, 1858, v. 54, f. 486r-487r.